KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
LÉGER
ippreżentati fit-13 ta' Lulju 2006 [1]

1. Ir-rinviju preliminari preżenti jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi safejn u fuq liema bażi Stat membru jista' jnaqqas u/jew jeskludi d-dritt għall-premju fuq il-qatla ta' l-annimali ta' l-ifrat, meta jkun ġie kkonstatat li kien hemm notifika tardiva tad-*data* rigwardanti l-movimenti ta' l-annimali provenjenti jew iddestinati għall-isfruttament agrikolu fil-bażi tad-*data* kompjuterizzat tas-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat.

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Il-leġiżlazzjoni komunitarja*

2. Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 11 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella [2], produttur li jżomm bhejjem ta' l-ifrat fl-impriża tiegħu jista' jikkwalifika, ma' l-applikazzjoni, għal premju tal-qatla. Dan għandu jingħata mal-qatla ta' annimali eliġibbli jew ma' l-esportazzjoni tagħhom lejn pajjiżi terzi.

3. Skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 11 (2) ta' dan ir-regolament:

"Dawn li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-premju tal-qatla:

a) barrin, gniedes, baqar u għoġġiela mill-età ta' tmien xhur,

b) għoġġiela ta' aktar minn xahar u anqas minn seba' xhur u li l-piż tal-karkassa tagħhom huwa inqas minn 160 kilogramma,

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 160, p. 21.

sakemm ikunu nżammu mill-produttur għal perjodu li jrid jiġi stabbilit." [3]

4. Barra minn hekk, il-premessa numru tmintax tar-Regolament Nru 1254/1999 tindika li "l-pagamenti diretti għandhom ikunu suġġetti għal konformità minn dawk li jżommu l-amminali in kwestjoni mar-regoli relevanti tal-Komunità dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bhejjem ta' l-ifrat". L-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament jipprovdi, konsegwentement, li "[b]iex tikkwalifika għal pagamenti diretti skond dan [l-ewwel kapitolu ta' dan ir-regolament], kull bhima għandha tiġi identifikata u reġistrata b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 820/97[[4]]" [5].

3 — Dan il-perijodu li fih jinżammu mill-produttur, li huwa kundizzjoni għall-għoti tal-premju tal-qatla, ġie ddefinit u kkwantifikat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2342/1999, tat-28 ta' Ottubru 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament Nru 1254/1999 f'dak li għandha x'taqsam l-iskema tal-premji (ĠU L 281, p. 30). L-Artikolu 37(1) tar-regolament Nru 2342/1999 jipprovdi għalhekk li "l-premium għandu jitħallas lill-produttur li jkun żamm il-bhima għal perjodu taż-żmien għaż-żamma ta' mill-inqas xahrejn li jispiċċa inqas minn xahar qabel il-qatla, il-kunsinna jew l-esportazzjoni". Barra minn hekk, l-Artikolu 37(2) tar-Regolament imsemmi jiddisponi li, "fil-każ ta' l-għoġġiela maqtula qabel l-għomor ta' tliet xhur, il-perjodu taż-żmien għaż-żamma għandu jkun ta' xahar".

4 — Ir-Regolament tal-Kunsill tal-21 ta' April 1997, li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat u li jikkonċerna t-tikkettjar taċ-ċanga u tal-prodotti bbażati fuq il-laħam taċ-ċanga (ĠU L 117, p. 1).

5 — Din id-dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1254/1999 tneħħiet bis-saħħa ta' l-Artikolu 152(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi r-regoli komuni għall-iskemi ta' għajnuna diretta fil-kuntest tal-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' għajnuna għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, p. 1). Ir-Regolament Nru 1782/2003 fih madankollu dispożizzjoni simili għall-Artikolu 138 tiegħu.

5. Dan l-aħħar regolament ġie mħassar mir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6], fejn wieħed mill-għanijiet prinċipali huwa wkoll li tiġi stabbilita sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat.

1. Is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat

6. Wara l-instabbiltà tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti bbażati fuq il-laħam taċ-ċanga dovuta għall-kriżi ta' l-enċefalopatija spongiformi ta' l-ifrat, l-istabbiliment ta' sistema effikaċi għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat fl-istadju tal-produzzjoni kif ukoll il-ħolqien ta' sistema komunitarja ta' ttikkettjar speċifika f'dan is-settur huma maħsubin li jtejbu l-kunfidenza tal-konsumaturi fil-kwalità tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti bbażati fuq il-laħam taċ-ċanga, li jippreżervaw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, u li jsaħħu l-istabbiltà fit-tul tas-suq tal-laħam taċ-ċanga [7].

6 — Ir-Regolament tas-17 ta' Lulju 2000, li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament Nru 820/97 (ĠU L 204, p. 1). Skond l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 1760/2000, "ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 820/97 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella ta' korrelazzjoni ddikjarata fl-Anness".

7 — Ara l-premessi erbgħa sa sebgħa tar-Regolament Nru 1760/2000.

7. Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1760/2000, is-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-laħam tinvolvi l-elementi segwenti: lametti tal-widnejn li jidentifikaw il-bhejjem individwalment, passaporti tal-bhejjem, reġistri individwali miżmuma fuq kull impriża u bażijiet ta' *data* kkompjuterizzati.

8. Skond il-leġiżlatur komunitarju, "Għall-għan tat-traċċar bil-ħeffa u preċiż tal-bhejjem għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll ta' l-iskemi Komunitarji ta' l-għajnuna, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jistabbilixxi bażi ta' *data* kkompjuterizzata li tirreġistra l-identità tal-bhejjem, l-impriżi kollha fit-territorju tiegħu u ċ-ċaqliq tal-bhejjem, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 97/12/KE tas-17 ta' Marzu 1997 li temenda u taġġorna d-Direttiva 64/432/KEE dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ tal-bhejjem tal-fart u l-ħnieżer ġewwa l-Komunità [8], li tiċċara l-ħtiġijiet tas-saħħa dwar din il-bażi ta' informazzjoni" [9]. L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1760/2000 jikkontempla għalhekk il-ħolqien mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat membru ta' bażi ta' *data* kompjuterizzat li tkun fiha l-informazzjoni meħtieġa kollha mill-31 ta' Diċembru 1999 skond id-Direttiva tal-Kunsill Nru 64/432, tas-26 ta' Ġunju 1964 [10].

9. Skond l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament:

"Bl-eċċezzjoni tat-trasportaturi, kull min iżomm il-bhejjem għandu:

— iżomm reġistru aġġornat

— ġaladarba l-ħażna ta' l-informazzjoni kkomputerizzata tkun qiegħda taħdem kollha kif imiss, jirrapporta lill-awtorità kompetenti l-movimenti kollha lejn u mill-impriża u t-twelid u l-imwiet kollha tal-bhejjem fuq l-impriża, flimkien maddati ta' dawn l-avvenimenti, f'perjodu taż-żmien stabbilit mill-Istat Membru ta' bejn tlieta jew sebat ijiem minn meta jkun ġara l-avveniment. [...]"

10. Barra minn hekk, l-Artikolu 22(1) tar-Regolament imsemmi huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. [...]

8 — ĠU L 109, p. 1.

9 — Ara l-premessa 14 tar-Regolament Nru 1760/2000.

10 — ĠU 1964, 121, p. 1977.

Kull sanzjoni imposta mill-Istati Membri fuq possessur għandha tkun ipproporzjonata mal-gravità tal-kontravvenzjoni. Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu, meta ġġustifikati, irrestrizzjoni fuq il-moviment tal-bhejjem lejn jew mill-impriża tal-gwardjan interessat."

armonizzata ta' kontroll u, fis-settur talbhejjem, sistema sabiex jiġu identifikati u rreġistrati l-annimali".

2. Is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll ta' ċerti skemi komunitarji ta' għajnuna

12. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3887/92, tat-23 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll dwar ċerti skemi ta' għajnuna komunitarja [12], huwa maħsub li jikkontrolla b'mod effettiv l-osservanza taddispożizzjonijiet fil-qasam ta' l-għajnuna Komunitarja u li jipprovdi dispożizzjonijiet intiżi biex jipprevjenu u jippenalizzaw b'mod effettiv l-irregolaritajiet u l-frodi.

11. Din is-sistema integrata ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3508/92 [11]. Din tikkorrispondi max-xewqa espressa dak iż-żmien mil-leġiżlatur komunitarju li jiddefinixxi l-mekkaniżmi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll ta' l-iskemi ta' sostenn finanzjarju fis-settur tal-kultura agrikola u f'dak taċ-ċanga, ta' l-ovini u talmogħoż, maħsubin li jimplementaw l-iskemi ta' pagamenti diretti introdotti wara r-riforma tal-politika agrikola komuni deċiża fl-1992. Kif tindika l-ħames premessa ta' dan ir-regolament, "is-sistema integrata għandha tinkludi f'kull Stat Membru, database kompjuterizzata, sistema ta' identifikazzjoni alfanumerika għall-qatgħat tar-raba', sistema

13. F'dan ir-rigward, il-premessa numru disgħa ta' dan ir-regolament tgħid li "jeħtieġ li jiġu pprovduti sanzjonijiet skalati skond il-gravità tal-kontravvenzjoni mwettqa li jistgħu jwasslu sa l-esklużjoni totali tal-benefiċċju ta' l-iskema għas-sena in kwistjoni u s-sena sussegwenti". Huwa b'dan il-mod li l-Artikolu 10b tar-regolament imsemmi jipprovdi għas-sanzjonijiet konsistenti fit-tnaqqis sa l-eliminazzjoni ta' l-ammont ta' l-għajnuna, meta l-kontrolli amministrattivi jew il-kontrolli fuq il-post juru differenza bejn in-numru ta' annimali ddikjarati fit-talba għall-għajnuna u n-numru ta' annimali eliġibbli misjubin.

11 — Ir-Regolament tas-27 ta' Novembru 1992, li jistabbilixxi amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità (ĠU L 355, p. 1). Dan ir-regolament ġie mħassar mir-Regolament Nru 1782/2003.

12 — ĠU L 391, p. 36. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar, bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2721/2000 tat-13 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 314, p. 8, iktar 'il quddiem "ir-Regolament Nru 3887/92").

14. Barra minn hekk, skond l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3887/92, "is-sanzjonijiet previsti fir-regolament preżenti japplikaw mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet addizzjonali previsti fuq livell nazzjonali".

15. Fl-aħħar nett, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament jiddisponi:

"L-Istati membri għandhom jieħdu kull miżura addizzjonali meħtieġa għall-applikazzjoni tar-regolament preżenti [...] F'dan ir-rigward, [huma] jistgħu jipprovdu wkoll għal sanzjonijiet nazzjonali xierqa fil-konfront tal-produtturi jew operaturi oħrajn fin-negozju, bħalma huma l-biċċeriji jew l-assoċjazzjonijiet li jintervjenu fil-proċedura għall-għoti ta' l-għajnuna, sabiex jiżguraw l-osservanza tal-preskrizzjonijiet tal-kontroll bħalma huma r-reġistru korrenti tal-bdiewa jew l-osservanza ta' l-obbligu tan-notifika."

16. Ir-Regolament (KEE) Nru 3887/92 ġie mħassar bir-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 [13]. Madankollu, l-Artikolu 53(1) ta' dan l-aħħar regolament, jiddisponi li r-Regolament Nru 3887/92 "għandu jkompli japplika f'dak li jirrigwarda l-applikazzjonijiet ta' għajnuna li jirrigwardaw snin ta' marketing jew perjodi ta' premiums li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2002" [14].

17. L-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 2419/2001, intitolat "Eżenzjonijiet mill-applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet" huwa fformulat kif ġej:

"1. It-tnaqqis u esklużjonijiet previsti f'dan it-Titolu ma għandhomx japplikaw fejn il-bidwi bagħat informazzjoni fattwalment korretta jew fejn jista' juri mod ieħor li ma għandux tort.

2. It-tnaqqis u esklużjonijiet previsti f'dan it-Titolu ma japplikawx għal dak li jirrigwarda dawk il-partijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-għajnuna li għaliha l-bidwi informa lill-awtorità kompetenti bil-miktub li l-applikazzjoni ta' għajnuna ma hijiex korretta jew ġiet skorretta minn mindu ġiet imdaħħla, sakemm il-bidwi ma ġiex infurmat bl-intenzjoni ta' l-awtorità kompetenti li jesegwixxi verifika fuq l-art u li l-awtorità għad

13 — Ir-Regolament tal-11 ta' Diċembru 2001, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3508/92 (ĠU L 327, p. 11). Ir-Regolament Nru 2419/2001 ġie wkoll imħassar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jistabbilixxi l-modalitajiet għall-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet, ta' l-iffurmar kif ukoll tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u tal-kontroll previst mir-Regolament Nru 1782/2003 (ĠU L 141, p. 18).

14 — Ara r-rettifika tar-Regolament Nru 2419/2001 (ĠU 2002, L 7, p. 48).

ma nfurmatx il-bidwi bi kwalunkwe irregolarità fl-applikazzjoni.

L-informazzjoni mogħtija mill-bidwi kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkollha l-effett li l-applikazzjoni għall-għajnuna tkun mibdula għas-sitwazzjoni attwali."

18. Barra minn hekk, l-Artikolu 45 ta' dan ir-regolament, intitolat "Emendi u tibdiliet ta' daħliet fil-bażi ta' tagħrif kompjuterizzat", jipprovdi, fl-ewwel paragrafu, li "[g]ħal dak li jirrigwarda annimali ta' l-ifrat ddikjarati, l-Artikolu 44 għandu japplika miż-żmien ta' l-applikazzjoni ta' għajnuna huwa mibgħut għall-iżbalji u nuqqasijiet għal dak li jirrigwarda d-daħliet fid-database kompjuterizzat".

19. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 47 tar-Regolament imsemmi, intitolat "Akkumulazzjoni ta' sanzjonijiet", jipprovdi, fil-paragrafu 2 li, "[s] oġġett għall-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2988/95 [15], it-tnaqqis u esklużjonijiet taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu bla preġudizzju għas-sanzjonijiet addizzjonali ma' kwalunkwe disposizzjonijiet oħra taħt il-liġi tal-Komunità jew dik nazzjonali".

15 — Ir-Regolament tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 312, p. 1).

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

20. Ir-regolament Olandiż ta' l-Uffiċċju tal-bhejjem u tal-laħam ta' l-1998 fuq l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat (Verordening identiticatie en registratie runderen 1998 van het Productschap Vee en Vlees, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' PVV") jgħid hekk:

"[...]

L-Artikolu 12

1. Kull min iżomm il-bhejjem, ħlief it-trasportatur, huwa marbut li jdaħħal rigorożament u b'mod eżawrjenti fir-reġistru d-*data* prevista fl-Artikolu 4(3) u fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 820/97.

[...]

L-Artikolu 13

1. Kull min iżomm il-bhejjem, ħlief it-trasportatur, huwa marbut li jinnotifika lid-dipartiment fit-tlett ijiem ta' ħidma d-dati previsti fl-Artikolu 12(1) ta' dan ir-regolament [...]"

21. Barra minn hekk, ir-Regolament Olandiż fuq il-premji għal annimali Komunitarji (Regeling dierlijke EG-premies, Stcrt. 1996, nº 80, iktar 'il quddiem ir-"Regeling") jiddisponi fl-Artikolu 2.3(2) tiegħu:

"Il-qatla jew l-esportazzjoni lejn pajjiż terż ta' annimal ta' l-ifrat li għandu għall-inqas tmien xhur fil-mument tal-qatla jew ta' l-esportazzjoni lejn pajjiż terz, skond id-data fir-reġistru ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni, jagħtu lok għal premju previst għall-produtturi, fuq talba tagħhom, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regeling preżenti u tar-Regolamenti Nru 1254/1999 u Nru 2342/1999."

22. Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 2.4b tar-Regeling jippreċiża li "It-talbiet għall-premju għall-qatla tal-bhejjem ta' l-ifrat f'biċċerija fl-Olanda għandhom jiġu ppreżentati permezz tan-notifika li tagħmel il-biċċerija kkonċernata tal-qatla fir-reġsitru ta' l-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-PVV".

23. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 4.9 tar-Regeling jiddisponi:

"1. L-ebda premju ma jitħallas għall-bhejjem ta' l-ifrat li fir-rigward tagħhom il-produttur ma jkun ikkonforma ruħu fi żmien ħamsa u għoxrin jum mad-dispożizzjonijiet applikabbli fir-rigward tiegħu skond ir-Regolament tal-PVV li jipprevedi n-notifika fir-reġistru ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-data tat-twelid, id-data tal-wasla jew tat-tluq fir-razzett tiegħu jew id-data tal-wasla jew ta' l-esportazzjoni lejn pajjiż terz, sakemm l-obbligu tan-notifika in kwistjoni jkun beda fl-1 ta' Jannar 2000 jew wara.

2. Il-premju jitnaqqas b'25 % għall-bhejjem ta' l-ifrat li fir-rigward tagħhom il-produttur ma jikkonformax ruħu fil-ħin, ħlief fil-ħamsa u għoxrin jum wara l-avveniment in kwistjoni, għad-dispożizzjonijiet applikabbli fir-rigward tiegħu skond ir-regolament tal-PVV li jipprevedi n-notifika fir-reġistru ta' l-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tad-data tat-twelid, id-data tal-wasla jew it-tluq fir-razzett tiegħu jew id-data tal-qatla jew ta' esportazzjoni lejn pajjiż terz, sakemm l-obbligu tan-notifika in kwistjoni jkun beda fl-1 ta' Jannar 2000 jew wara."

II — Il-fatti u l-proċedura tal-kawża prinċipali

24. Maatschap Schonewille-Prins (iktar 'il quddiem "Schonewille") fl-Olanda, tħaddem impriża agrikola speċjalizzata fit-tkabbir ta' l-annimali ta' l-ifrat. Fl-1 ta' Frar 2001, din il-kumpannija għamlet applikazzjoni mal-Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit (il-ministru ta' l-Agrikoltura, tan-Natura u tal-Kwalità alimentari, iktar 'il quddiem il-"ministru").

25. B'deċiżjoni ta' l-24 ta' Ġunju 2002, il-ministru għarraf lil Schonewille li, fost l-annimali ta' l-ifrat li kienu s-suġġett ta' applikazzjoni għall-premju fil-kampanja ta' l-2001, 260 kienu jissodisfaw kompletament jew parzjalment il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-premju, filwaqt li 105 ma kinux. Din id-deċiżjoni ġiet ikkorreġuta ulterjorment mill-ministru li kkunsidra li 15-il annimal tal-fart addizzjonali kienu eliġibbli għall-premju kollu, filwaqt li kien hemm annimal ieħor li ma kienx jissodisfa kompletament il-kundizzjonijiet.

26. Schonewille kkontestat din id-deċiżjoni tal-ministru, b'mod partikolari t-tnaqqis u l-esklużjonijiet tal-premji. Din il-kontestazzjoni ġiet miċħuda b'deċiżjoni tal-ministru tad-19 ta' Ġunju 2003.

27. F'din id-deċiżjoni, il-ministru kkonferma, minn banda ċ-ċaħda kollha tat-talba għall-premju fil-każ ta' annimal minnhom minħabba li l-d-dħul fir-reġistru għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ma kienx sar fit-terminu previst fl-Artikolu 4.9(1) tar-Regeling. Mill-banda l-oħra, huwa kkonferma t-tnaqqis ta' 25 % tal-premju mitlub għall-grupp ta' annimali ta' l-ifrat in kwantu d-dħul f'dan ir-reġistru ma kienx sar f'ħin tajjeb, iżda madankollu fit-terminu ta' ħamsa u għoxrin jum previst fl-Artikolu 4.9(2) tar-Regeling, miżjud b'ħames't'ijiem ta' trattament.

28. B'ittra tat-30 ta' Lulju 2003, Schonewille appellat kontra din id-deċiżjoni quddiem il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (l-Olanda). Hija ssostni li l-ministru kien żbaljat li jgħid li d-dħul tardiv fir-reġistru għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimal li kien wasal, seta' jiġġustifika r-rifjut jew it-tnaqqis tal-premju għall-qatla. Skond Shonewille, l-annimali tagħha kienu jissodisfaw il-kundizzjoni imposta fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 in kwantu dawn jinsabu identifikati skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1760/2000 (żewġ lametti tal-widna) u jinsabu rreġistrati skond l-Artikolu 7(1) ta' l-istess regolament. Hija ssostni wkoll li l-Istati membri, fil-kuntest ta' l-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat, ma jistgħux jimponu kundizzjonijiet addizzjonali, bħalma huma dawk li jinsabu fl-Artikolu 4.9 tar-Regeling, biex jiġi deċiż li dawn l-annimali ta' l-ifrat huma eliġibbli għall-premju għall-qatla.

III — Ir-rinviju preliminari

29. Fid-deċiżjoni għar-rinviju tiegħu, il-College van Beroep voor het bedrijfsleven jistaqsi jekk, fid-dawl ta' l-irregolaritajiet ikkonstatati fid-dħul tal-wasliet magħmulin minn Schonewille mal-amministratur tar-reġistru għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni, il-ministru jistax jeskludi, *in toto* jew *in parte* d-dritt għall-premju għall-qatla skond ir-Regolament Nru 1254/1999.

30. Din wasslet lill-Qorti tar-rinviju biex tistaqsi fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament, li jipprovdi li, biex tikkwalifika għal pagamenti diretti "kull bhima għandha tiġi identifikata u rreġistrata b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru [1760/2000]." Fil-fehma tiegħu, huwa possibbli li tingħata "interpretazzjoni radikali" tal-kundizzjoni li tinsab f'dan l-Artikolu 21, li tkun tfisser, taħt din il-perspettiva li, biex tibbenefika mill-premju għall-qatla kollu, għandhom jiġu osservati r-rekwiżiti kollha imposti mir-Regolament Nru 1760/2000, inklużi dawk li jikkonċernaw it-terminu għan-notifika tad-*data* dwar il-wasla u t-tluq tal-bhejjem ta' l-ifrat, bħalma hu msemmi fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament. Din l-interpretazzjoni jkollha l-konsegwenza li kwalunkwe irregolarità li tivvizzja r-reġistrazzjoni tad-*data*, minima kemm hi minima, iġġib magħha l-esklużjoni totali tal-benefiċċju tal-premju. Għaldaqstant, jeħtieġ li wieħed jistaqsi jekk din l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 tmurx kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

31. Barra minn hekk, il-Qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-applikabbiltà ta' l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 fil-kawża preżenti. Jekk, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha ta' l-1 ta' Lulju 2004, Gerken [16], l-Artikolu 45(1) ta' dan ir-Regolament kellu jiġi applikat retrospettivament, hija tistaqsi jekk l-applikazzjoni korretta ta' dan l-Artikolu, flimkien ma' l-Artikolu 44 ta' l-istess regolament, tfissirx li l-premju għall-qatla ma jkunx eskluż fil-każ ta' negliġenza fin-notifika ta' *data* lill-amministratur tal-bażi ta' *data* kompjuterizzat jekk id-*data* mibgħuta, bħad-dati tal-wasla fil-każ preżenti, tkun rigorożament preċiża.

32. Il-Qorti tar-rinviju, konsegwentement, iddeċidiet li tissospendi d-deċiżjoni tagħha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 għandu jiġi interpretat fis-sens li kull irregolarità fl-applikazzjoni

16 — C-295/02, Ġabra p. I-6369.

tar-Regolament Nru 1760/2000 fir-rigward ta' annimal twassal għal esklużjoni totali tal-premju għall-qatla għal dan l-annimal?

2) Jekk l-ewwel domanda teħtieġ risposta affirmattiva, l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 huwa validu fid-dawl, b'mod partikolari, tal-konsegwenzi li jirriżultaw?

3) L-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 huma applikabbli għal irregolaritajiet li jivvizzjaw l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000?

4) Jekk it-tielet domanda teħtieġ risposta affermattiva, l-applikazzjoni korretta ta' l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 fil-kuntest ta' l-Artikolu 44 tfisser li l-premju għall-qatla ma tkunx eskluża fil-każ ta' negliġenza fin-notifika tad-dati lil minn jieħu ħsieb il-bażi tad-data kompjuterizzat jekk id-*data* trażmessa, bħal f'dan il-każ id-dati tal-wasla, ikunu rigorożament eżatti (u jkunu hekk mill-bidu mingħajr ma konsegwentement jeħtieġu rettifiki)? Jekk ma jseħħx b'hekk minħabba negliġenza, ikun hekk fis-sitwazzjoni in kwistjoni fejn in-negliġenza tkun ikkonsistiet f'li tiġi trażmessa *data* (xi jiem jew ġimgħat) tard biex b'hekk il-qatla ssir iktar tard?

5) L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3887/92 u/jew l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1760/2000 u/jew l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 2419/2001 għandhom ikunu interpretati fis-sens li Stat Membru jista' jeskludi d-dritt għall-premju għall-qatla bbażat fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew li jkun hemm tnaqqis permezz ta' sanzjoni nazzjonali li jkollha l-għan li tassigura l-osservanza ta' dan ir-regolament?

6) Jekk il-ħames domanda teħtieġ risposta affermattiva kollha kemm hi jew in parti, l-eċċezzjonijiet previsti f'livell Komunitarju għat-tnaqqis u l-esklużjoni Komunitarja, b'mod partikolari l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001, huma applikabbli huma stess b'analoġija għat-tnaqqis u l-esklużjoni nazzjonali?

7) Jekk is-sitt domanda teħtieġ risposta affermattiva, l-applikazzjoni korretta b'analoġija ta' l-Artikolu 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 fil-kuntest ta' l-Artikolu 44 għandha bħala konsegwenza li xi irregolaritajiet li jivvizzjaw in-notifika tad-*data* fil-bażi tad-*data* kompjuterizzat, u b'mod partikolari t-trażmissjoni tard ta' din id-*data*, ma jistgħux iwasslu għal esklużjoni tal-premju għall-qatla jekk id-*data* rreġistrata fir-reġistru, bħal f'dan il-każ id-data tal-wasla, tkun perfettament eżatta?"

IV — Analiżi

A — *Fuq l-ewwel domanda*

33. B'din il-domanda, il-Qorti tar-rinviju tixtieq issir taf, fis-sustanza, jekk l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-irregolarità fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000, bħalma huwa d-dħul tardiv fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat dwar iċ-ċaqliq tal-bhima lejn jew mir-razzett, tinvolvix l-esklużjoni totali tal-premju għall-qatla ta' dik il-bhima.

34. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tipproponi li tingħata risposta għal din id-domanda fl-affermattiv. Hija ssostni li l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 issuġġetta b'mod espliċitu l-pagamenti diretti, bħalma huwa l-premju għall-qatla tal-bhejjem ta' l-ifrat, għall-osservanza tar-regoli relattivi għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem previsti mir-Regolament Nru 1760/2000. Bil-fatt billi ssuġġetta l-għoti tal-premju għall-osservanza ta' dawn ir-regoli, u b'mod iktar partikolari dik relattiva għat-terminu massimu għan-notifika, il-leġżilatur komunitarju ried idaħħal inċentiv għall-produtturi biex, fl-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-laħam taċ-ċanga, jikkonformaw ma' l-istess regoli.

35. Hija tenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-osservanza tar-regoli dwar l-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat hija essenzjali sabiex jitwettqu l-obbjettivi tar-regolament Nru 1760/2000, jiġifieri, it-titjib tal-kunfidenza tal-konsumaturi fil-kwalità tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti bbażati fuq iċ-ċanga, il-preżervazzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u t-tisħiħ ta' l-istabbiltà fit-tul tas-suq tal-laħam taċ-ċanga [17]. Huwa indispensabbli li s-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat taħdem korrettament u tkun kollha kemm hi affidabbli sabiex, b'mod partikolari, tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jkunu jafu l-provenjenza tal-bhima fil-każ ta' epiżootomija. Dawn ir-rekwiżiti ta' effikaċjà u affidabbiltà jitolbu li d-*data* dwar il-wasla, it-tluq, it-twelid jew il-mewt tal-bhima jiġu nnotifikati fiż-żmien, bejn tliet u sebat ijiem, previst fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000. L-iskadenza ta' dan it-terminu jġib miegħu, għaldaqstant, l-esklużjoni totali tal-benefiċċju tal-premju għall-qatla għall-bhejjem ikkonċernati.

36. Jiena ma naqsamx din l-analiżi. Bħal Schonewille u l-gvern Olandiż, jiena nħoss, fil-fatt, li l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-irregolarità fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000, bħalma huwa d-dħul tardiv

17 — Il-Kummissjoni tirreferi għall-premessi numri erbgħa, ħamsa, sitta u sebgħa tar-Regolament Nru 1760/2000.

fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat taċ-ċaqliq tal-bhima tal-fart lejn jew mir-razzett, iġib awtomatikament l-esklużjoni totali tal-premju għall-qatla għal dak l-annimal.

37. B'mod iktar preċiż, u kontra l-premessa li fuqha tibbaża l-argumenti tagħha l-Kummissjoni, jien ma nħossx li huwa korrett li jiġi mifhum li n-notifika dwar iċ-ċaqliq tal-bhima fit-terminu bejn tliet u sebat ijiem tikkostitwixxi kundizzjoni għall-eġibbiltà għall-premju għall-qatla.

38. Qabel ma nesponi r-raġunijiet li wasslu għal din l-analiżi, jeħtieġ li nindika fil-qosor l-iskema li biha t-talbiet għall-għajnuna "tal-bhejjem" għandhom jiġu trattati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kuntest tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll.

39. L-ewwel fażi tikkonċerna l-istabbiliment tal-bażi ta' kalkolu ta' l-għajnuna [18]. B'hekk, fil-każijiet fejn in-numru tal-bhejjem iddikjarati f' applikazzjoni għall-għajnuna jkunu ogħla min-numru ta' bhejjem ivverifikati waqt il-kontrolli amministrattivi jew fil-post, l-ammont ta' l-għajnuna dovut lill-bidwi jiġi kkalkolat abbażi tan-numru ta' bhejjem eliġibbli kif ivverifikati, jiġifieri n-numru ta' bhejjem li fir-rigward tagħhom l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna tkun ġiet ivverifikata u kkonfermata mill-awtorità kompetenti [19]. Minn dan jirriżulta li l-għajnuna mhijiex mogħtija għall-bhejjem li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà għaliha.

40. It-tieni fażi tikkonsisti fl-applikazzjoni eventwali tas-sanzjonijiet fuq l-ammont totali ta' l-għajnuna li l-bidwi jista' jippretendi wara l-ewwel fażi [20]. Dawn huma maħsubin li jippenalizzaw finanzjarjament lill-bidwi minħabba d-differenza bejn in-numru ta' bhejjem iddikjarati fl-applikazzjoni għall-għajnuna u n-numru ta' bhejjem eliġibbli vverifikati. Dawn is-sanzjonijiet jikkonsistu kemm fi tnaqqis ta' l-ammont ta' l-għajnuna u kif ukoll fl-esklużjoni totali tal-ħlas ta' l-għajnuna.

41. It-tielet fażi tista' twassal għall-korrezzjoni ta' l-evalwazzjoni ta' l-ammont ta' l-għajnuna kkalkulata wara t-tieni fażi, in kwantu jeżistu xi eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet komunitarji [21]. Dan huwa l-każ b'mod partikolari meta l-bidwi, li

18 — Ara l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 3887/92.

19 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Schilling u Nehring (C-63/00, Ġabra p. I-4483, punt 32).

20 — Ara l-Artikolu 10b tar-Regolament Nru 3887/92.

21 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 11(1a) tar-Regolament Nru 3887/92.

jsib li l-applikazzjoni li huwa għamel fiha xi żbalji mhux intenzjonati, jinforma lill-awtorità kompetenti fil-ħin.

42. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li, fl-iskema hekk deskritta, is-sanzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 3887/92 japplikaw bla ħsara għas-sanzjonijiet addizzjonali previsti fuq livell nazzjonali [22] u li l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament jippermetti lill-Istati membri jipprovdu għal sanzjonijiet nazzjonali approprjati fil-konfront tal-produtturi jew operaturi oħrajn "bil-għan li jiggarantixxu l-osservanza tal-preskrizzjonijiet ta' kontroll bħalma huma r-reġistru korrenti tal-bhejjem fl-irziezet jew l-osservanza ta' l-obbligu tan-notifika".

43. Wara dawn il-preċiżazzjonijiet, jeħtieġ li issa jiġu indikati liema huma kundizzjonijiet li fihom bhima maqtula jew li tkun ġiet esportata lejn pajjiż mhux membru, skond il-leġiżlazzjoni komunitarja, tkun eliġibbli għall-premju għall-qatla.

44. Dawn il-kundizzjonijiet jidhru fl-Artikoli 11(1) u 21 tar-Regolament Nru 1254/1999, kif ukoll fl-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 2342/1999. Jista' jingħata sunt tagħhom bil-mod kif ġej:

— il-bhejjem li fir-rigward tagħhom tista' ssir applikazzjoni għall-premju għall-qatla tagħhom huma kemm barrin, gniedes, baqar u għoġġiela mill-età ta' tmien xhur, u kif ukoll għoġġiela ta' aktar minn xahar u anqas minn seba' xhur u li l-piż tal-karkassa tagħhom huwa inqas minn 160 kilogramma;

— dawn il-bhejjem għandhom ikunu nżammu mill-produttur għal perijodu taż-żmien għaż-żamma ta' mill-inqas xahrejn li jispiċċa inqas minn xahar qabel il-qatla jew l-esportazzjoni; fil-każ ta' l-għoġġiela maqtula qabel l-għomor ta' tliet xhur, il-perijodu taż-żmien għaż-żamma għandu jkun ta' xahar, u fl-aħħar;

— dawn il-bhejjem għandhom jiġu identifikati u rreġistrati skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1760/2000.

45. Hija din l-aħħar kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-premju għall-qatla li t-tribunal tar-rinviju jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tillimitaha. F'din il-perspettiva, hemm żewġ interpretazzjonijiet li jistgħu jingħataw. L-ewwel interpretazzjoni, li hija dik li tħaddan il-Kummissjoni, titlob li l-bhima tosserva r-regoli kollha preskritti mir-Regolament Nru 1760/2000, inklużi dawk dwar it-

22 — Ara l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament.

terminu tan-notament taċ-ċaqliq fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat, sabiex ikun jista' jkun eliġibbli għal dan il-premju. It-tieni interpretazzjoni, li magħha jien inżomm, tagħti prijorità lill-verifika, li ssir fil-mument fejn l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi fuq il-ġustifikazzjoni ta' l-għoti tal-premju għall-qatla, li bhima tiġi effettivament u korrettament identifikata u reġistrata fid-diversi partijiet tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat stabbilita mir-Regolament Nru 1760/2000.

46. Hemm diversi elementi li jiġbdu, fil-fehma tagħna, lejn it-tieni interpretazzjoni.

47. Fl-ewwel lok, mill-formulazzjoni ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 ma jirriżultax li l-pagament tal-premju għall-qatla jkun subordinat għall-osservanza tar-regoli kollha preskritti mir-Regolament Nru 1760/2000. Fil-fehma tagħna, it-termini użati f'dan l-Artikolu jindikaw pjuttost l-eżistenza ta' obbligu ta' riżultat, jiġifieri li l-bhejjem li għalihom jintalab il-premju għandhom ikunu effettivament u korrettament identifikati u reġistrati fid-diversi partijiet tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-mument meta l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi fuq il-ġustifikazzjoni ta' l-għoti tal-premju għall-qatla.

48. B'hekk, bhima "identifikata u rreġistrata skond ir-[regolament Nru 1760/2000]", fis-sens ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999, għandha, fil-fehma tagħna, tinftiehem bħala bhima:

— li hija identifikata individwalment għallametti tal-widnejn ikkontemplati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1760/2000;

— li hija identifikata individwalment b'passaport skond l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament;

— li ġiet irreġistrata fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament imsemmi u li hija rreġistrata fir-reġistru miżmum mill-bidwi skond l-Artikolu 7 tar-Regolament imsemmi.

49. Din l-analiżi tinsab ikkonfermata mill-formulazzjoni ta' l-Artikolu 10d tar-Regolament Nru 3887/92, li jelenka dawn il-kriterji sabiex jivverifika jekk bhima ta' l-ifrat tistax titqies li hija "bhima stabbilita" fis-sens ta' l-Artikoli 10 u 10b ta' dan ir-regolament, jiġifieri bhima li fir-rigward tagħha l-kundizzjonijiet kollha applikabbli għall-għoti ta' l-għajnuna huma sodisfatti. Jiena nikkonstata,

f'dan ir-rigward, li l-osservanza tat-terminu għan-notifika taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat mhijiex imsemmija espressament f'dawn il-kriterji.

50. Fit-tieni lok, il-qafas u l-obbjettivi tal-leġiżlazzjoni komunitarja dwar kemm is-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat kif ukoll is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll ta' ċerti skemi ta' għajnuna juru li l-leġiżlatur komunitarju, fl-adozzjoni ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999, ried jissuġġetta l-għoti tal-pagamenti diretti bħalma huma l-premju għall-qatla, mhux għall-osservanza tar-regoli proċedurali kollha dwar l-amministrazzjoni ta' l-iskemi ta' għajnuna, iżda, b'mod iktar fundamentali, għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni korretta tal-bhejjem ta' l-ifrat.

51. Barra mit-tqabbil li jeħtieġ li jsir, kif rajna, bejn l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1254/1999 u l-Artikolu 10d tar-Regolament Nru 3887/92, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament imsemmi l-aħħar, li jirrigwardaw il-kontrolli, jikkonfermaw din l-analiżi. B'hekk, mill-Artikolu 6(6)(d) ta' l-imsemmi regolament jirriżulta li l-kontroll fuq il-post tal-bhejjem jinvolvi b'mod partikolari l-kontroll maħsub biex jiżgura li l-bhejjem ta' l-ifrat kollha preżenti fir-razzett li fir-rigward tagħhom ikunu saru talbiet għall-għajnuna jew li jistgħu jkunu l-oġġett ta' talbiet futuri għall-għajnuna jiġu identifikati b'lametti tal-widnejn u passaporti, jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-bidwi u jiġu mdaħħla fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat.

52. Barra minn hekk, fir-rigward b'mod partikolari tal-bażi ta' *data* kompjuterizzat, jien nikkonstata li dan għandu rwol importanti fil-kuntest tal-verifika tat-talbiet għall-għajnuna. Fil-fatt, din tippermetti li jsiru "kontroverifiki" waqt il-kontrolli amministrattivi [23] u jservi ta' riferiment waqt il-kontrolli fil-post [24] sabiex jiżgura l-eliġibbiltà tat-talbiet għall-għajnuna. B'mod iktar ġenerali, hekk kif tgħid il-premessa erbatax tar-Regolament Nru 1760/2000, il-bażi ta' *data* kompjuterizzat jikkontribwixxi għall-"għan tat-traċċar bil-ħeffa u preċiż tal-bhejjem għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll ta' l-iskemi Komunitarji ta' l-għajnuna". Konsegwentement, huwa kruċjali li d-*data* dwar il-bhejjem ta' l-ifrat li huma s-suġġett ta' talba għall-għajnuna tiġi rreġistrata b'mod korrett f'din il-bażi ta' *data* fil-mument meta l-awtorità komunitarja teżerċita l-kontroll tagħha. Din id-*data* għandha tinkludi, fost l-oħrajn, iċ-ċaqliq lejn u mir-razzett kif ukoll it-twelid u l-imwiet kollha tal-bhejjem fir-razzett, filwaqt li tippreċiża d-data ta' dawn l-avvenimenti, kif jitlob it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament. Il-fatt li jkun hemm reġistrazzjoni korretta ta' din l-informazzjoni fil-bażi ta' *data* huwa determinati sabiex jippermetti lill-awtorità kom-

23 — Ara l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 3887/92. Din l-idea tinsab ukoll fl-Artikolu 16(b) tar-Regolament Nru 2419/2001 li jiddisponi li l-verifiki amministrattivi għandhom jinkludu "cross-checks permezz ta' bażi tad-*data* kompjuterizzat sabiex tiġi vverifikata l-eliġibbilità għall-għajnuna".

24 — Ara l-Artikolu 6(6) tar-Regolament Nru 3887/92.

petenti tikkontrolla li l-kundizzjonijiet l-oħrajn għall-eliġibbiltà għall-premju għall-qatla jiġu sodisfatti, billi tivverifika l-osservanza tal-kriterji ta' l-età mid-data tat-twelid irreġistrata f'din il-bażi ta' data kif ukoll dak tal-perijodu ta' żamma.

53. Anki fil-każ fejn, wara l-kontroll amministrattiv fuq il-verifka fil-post, l-awtorità kompetenti tikkonstata li l-informazzjoni relattiva għall-bhima ta' l-ifrat li hija s-suġġett ta' talba għall-għajnuna mhijiex irreġistrata b'mod korrett fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat, hija għandha tikkunsidra li dan l-annimal mhuwiex eliġibbli għall-għajnuna u ma jistax għalhekk iwassal għal xi ħlas ta' premju għall-qatla.

54. Mill-banda l-oħra, dment li, fil-mument meta l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni li tagħti jew ma tagħtix l-għajnuna, din id-*data* tiġi rreġistrata korrettament f'din il-bażi u tippermetti għalhekk li ssir verifika fuq il-ġustifikazzjoni tat-talba għall-għajnuna, l-iżvelar li fil-passat kien hemm notifika tardiva dwar iċ-ċaqliq ta' bhima waħda jew iktar ma jistax, bħala tali, ikollu influwenza fuq il-prinċipju stess ta' l-għoti ta' dik l-għajnuna. Fi kliem ieħor, dan l-iżvelar ma jistax jinfluwenza l-eliġibbiltà tal-bhima għall-għajnuna mitluba.

55. Din l-idea tinsab ikkorroborata mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2419/2001, li ġie adottat wara r-Regolament Nru 3887/92. Fil-fatt, il-premessa tmienja u għoxrin ta' dan ir-regolament tikkonferma li "L-identifikazzjoni u reġistrazzjoni proprja ta' annimali ta' l-ifrat hija kondizzjoni ta' eliġibbiltà ma' l-Artikolu 21 tar-Regolament [...] (KE) Nru 1254/1999." Barra minn hekk, tajjeb li jintqal li r-regolament Nru 796/2004, li huwa maħsub biex jistabbilixxi l-modalitajiet għall-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-iffurmar kif ukoll tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll previst mir-Regolament Nru 1782/2003, fil-premessa tmienja u sittin jippreċiża li l-preżenza ta' *data* ineżatta fil-bażi ta' *data* tikkostitwixxi mhux biss "non osservanza ta' l-obbligu tal-kundizzjonalità iżda wkoll ksur tal-kriterju ta' l-ammissibbiltà għall-għajnuna". Dawn id-dispożizzjonijiet madankollu ma jsemmux espressament l-osservanza tat-terminu għaddħul fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat bħala kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-premju għall-qatla.

56. Fit-tielet lok, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-interpretazzjoni li tgħid li l-osservanza tat-terminu għan-notifika taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat tikkostitwixxi kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-premju tal-qatla tirriżulta inkompatibbli ma' l-uniformità meħtieġa għall-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dik l-għajnuna fl-Istati membri ta' l-Unjoni Ewropea kollha.

57. Fil-fatt, in kwantu t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000

jiddisponi li dan il-perjodu taż-żmien jiġi stabbilit mill-Istat Membru għal bejn tlieta jew sebat ijiem, huwa probabbli ħafna li dan ikun ta' dewmien differenti skond l-Istati membri [25].

58. Madankollu, għalkemm jiena nista' nikkonċepixxi li r-regoli ta' proċedura dwar l-amministrazzjoni ta' l-iskemi ta' għajnuna jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi jitħallew għaddiskrezzjoni ta' l-Istati membri, mill-banda l-oħra huwa diffiċli li jiġi aċċettat li l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà għall-benefiċċju ta' l-għajnuna komunitarja tkun differenti skond il-post fejn l-applikanti jkollhom ir-razzett tagħhom. Wara kollox, tali soluzzjoni kienet twassal għal inugwaljanza fit-trattament bejn l-istess applikanti. Dawn il-kunsiderazzjonijiet juru, fil-fehma tiegħi, li l-leġiżlatur komunitarju ma jarax il-perijodu taż-żmien għan-notifika fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat bħala kundizzjoni għall-eliġibbiltà tal-premju għall-qatla tal-bhejjem ta' l-ifrat [26].

59. Fl-aħħar lok, jiena nżid li jkun paradoss li n-nuqqas ta' osservanza, anki minima, ta' dan it-terminu tkun tali li jġib awtomatikament l-esklużjoni totali tal-benefiċċju ta' l-għajnuna, filwaqt li mill-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 8(1) tar-regolament Nru 3887/92 jirriżulta li l-preżentazzjoni tardiva ta' l-applikazzjoni għall-għajnuna twassal għal tnaqqis ta' 1 % għal kull jum ta' xogħol ta' l-ammonti ta' għajnuna affettwati mit-talba li għalihom ikun intitolat il-bidwi fil-każ tal-preżentata f'ħin utli, u li dan ma japplikax ħlief fil-każ ta' ttardjar ta' iktar minn ħamsa u għxorin ġurnata minn meta t-talba tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli u li, għalhekk, ma tistax twassal għall-għoti ta' dak l-ammont.

60. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jiena tal-fehma li l-Artikolu 21 tar-regolament Nru 1254/1999 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-osservanza tal-perijodu tan-notifika taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat, prevista fis-subparagrafu 2 ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000, ma tikkostitwixxix kundizzjoni għall-eliġibbiltà tal-premju għall-qatla. Minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jistax għalhekk jiġi dedott li n-notifika tardiva taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat iġib, minnha nnifisha u b'mod awtomatiku, l-esklużjoni mid-dritt għall-premju għall-qatla ta' dawn l-annimali.

61. Fil-fehma tiegħi, l-analiżi preċedenti blebda mod ma tikkontrasta ma' l-obbjettivi mfittxija mil-leġiżlatur komunitarju fir-Regolament Nru 1760/2000, jiġifieri li l-fiduċja

25 — Dan it-terminu għan-notifika jista' wkoll ivarja skond ċerti ċirkustanzi. Fil-fatt, l-aħħar fraži tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7 (1) tar-Regolament Nru 1760/2000 jiddisponi li "fuq it-talba ta' Stat Membru [...], il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu massimu taż-żmien [...]".

26 — Din l-analiżi tapplika wkoll għaż-żmien previst fl-Artikolu 4 (2) tar-Regolament Nru 1760/2000, jiġifieri ż-żmien li fih illametti tal-widnejn għandhom jitwaħħlu ma' kull widna tal-bhima, għall-finijiet ta' identifikazzjoni.

tal-konsumatur fil-kwalità tal-laħam taċ-ċanga u l-prodotti mil-laħam taċ-ċanga tittjieb, jiġi ppreżervat livell aktar għoli tas-saħħa pubblika u l-istabbiltà fit-tul tas-suq tal-laħam taċ-ċanga tissaħħaħ [27].

62. Jiena naqbel mal-Kummissjoni meta tenfasizza li huwa essenzjali li s-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat taħdem tajjeb u tkun kompletament affidabbli sabiex, b'mod partikolari, tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jimmarkaw malajr il-provenjenza tal-bhima fil-każ ta' epiżootomija. Dawn ir-rekwiżiti ta' effikaċja u affidabbiltà jeħtieġu sew li d-*data* dwar il-wasla, it-tluq, it-twelid jew il-mewt tal-bhima tiġi nnotifikata fi żmien ta' bejn tliet u sebat ijiem, previst fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000.

63. Madankollu, bil-kontra ta' ma' dak li ssostni l-Kummissjoni, jiena rajt li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni komunitarja rilevanti, l-iskadenza ta' dan it-terminu ma deherlix li jista' jġib b'mod awtomatiku l-eklużjoni totali tal-benefiċċju tal-premju għall-qatla għall-annimali kkonċernati.

27 — Ara l-premessi numri erbgħa sa sebgħa tar-Regolament Nru 1760/2000.

64. Jibqa' għalhekk li jiġi stabbilit kif u fuq liema bażi din l-iskadenza għandha tiġi ssanzjonata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Din ser tkun l-analiżi tiegħi fil-kuntest ta' l-eżami tal-ħames domanda.

65. Fl-aħħar nett, fid-dawl tar-risposta negattiva li jiena nipproponi lil-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' l-ewwel domanda, jiena nindika li m'hemmx għalfejn tingħata risposta għat-tieni domanda.

B — *Fuq it-tielet domanda*

66. B'din il-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk, fis-sustanza, l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 humiex applikabbli għall-irregolarità fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000, bħalma hija n-notifika tardiva dwar iċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat.

67. Jeħtieġ l-ewwel nett li jiġi ppreċiżat li r-Regolament Nru 2419/2001, bħala regola,

mhuwiex applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, peress li dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolament Nru 3887/92. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Gerken, iċċitata iktar 'il fuq, iddeċidiet li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2988/95 [28] għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' applikazzjoni għall-għajnuna għall-"annimali" li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolament Nru 3887/92 u li hija vvizzjata b'irregolarità li twassal għall-applikazzjoni ta' penali skond l-Artikolu 10(2)(a) ta' dan l-aħħar regolament [29], l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 2419/2001 retroattivament, minħabba li dawn id-dispożizzjonijiet huma inqas ħorox għall-imġiba in kwistjoni [30].

68. Wara din il-preċiżazzjoni, jeħtieġ madankollu jiġi enfasizzat li l-irregolarità fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000, bħalma hija n-notifika tardiva taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001.

69. Fil-fatt, dawn iż-żewġ artikoli għandhom l-għan partikolari li jipprovdu għall-eċċezzjonijiet dwar l-applikazzjoni, għall-bhejjem ta' l-ifrat li jkunu s-suġġett tat-talbiet għall-għajnuna, tat-tnaqqis u esklużjonijiet previsti fit-titolu IV ta' dan ir-regolament.

70. Kif indikajt iktar 'il fuq fid-deskrizzjoni ta' l-iskema ta' kif l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-"annimali" għandhom jiġu ttrattati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kuntest tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet komunitarji li jiġu applikati waqt it-tieni fażi ta' din l-iskema huma maħsubin li jippenalizzaw finanzjarjament lill-bidwi minħabba d-differenza fin-numru ta' annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għall-għajnuna u n-numru ta' annimali eliġibbli stabbiliti. Jiena nfakkar, f'dan ir-rigward, li n-numru misjub ta' annimali eliġibbli jikkostitwixxi n-numru ta' annimali li fil-konfront tagħhom l-osservanza tal-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà għall-għajnuna tkun ġiet ivverifikata u kkonfermata mill-awtorità kompetenti.

71. Kif urejt iktar 'il fuq, in kwantu l-osservanza tat-terminu tan-notifika taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat ma tistax titqies li hija kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-premju tal-qatla, il-konstatazzjoni dwar l-iskadenza ta' dan it-terminu ma tbiddilx in-numru ta' annimali eliġibbli misjub wara l-kontrolli. Għaldaqstant mhemmx differenza bejn in-numru ta' annimali ddikjarati fl-applikaz-

28 — Dan l-Artikolu huwa fformulat kif ġej:
"Ebda sanzjoni amministrattiva ma tista' tingħata sakemm ma tkunx twaqqfet b'att komunitarju qabel il-kontravvenzjoni. F'każ ta' modifika ulterjuri tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw is-sanzjonijiet amministrattivi u kontenuti fleġiżlazzjoni komunitarja, id-dispożizzjonijiet inqas ħorox japplikaw retroattivament."

29 — Dan l-Artikolu sar l-ewwel u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 10(2)b wara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2801/1999 tal-21 ta' Diċembru 1999, li jemenda r-Regolament Nru 3887/92 (ĠU L 340, p. 29).

30 — Ara l-punt 61 tas-sentenza.

zjoni għall-għajnuna u n-numru misjub ta' annimali eliġibbli, u, għaldaqstant, it-tnaqqis kif ukoll l-esklużjonijiet komunitarji previsti fl-Artikolu 10b tar-Regolament Nru 3887/92 m'għandhomx jiġu applikati.

72. F'dan il-każ għalhekk ma tistax tkun kwistjoni ta' jekk jiġux applikati l-eċċezzjonijiet għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet komunitarji previsti fl-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 [31].

73. Jiena nipproponi, konsegwentement, li r-risposta lill-Qorti tar-rinviju tkun li l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 mhumiex applikabbli għall-irregolarità fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000, bħalma hija n-notifika tardiva taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' data kompjuterizzat.

74. In kwantu nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tielet domanda fin-negattiv, mhuwiex meħtieġ li tingħata risposta għar-raba' domanda.

C — *Fuq il-ħames domanda*

75. B'din il-domanda, il-Qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3887/92 u/jew 22 tar-Regolament Nru 1760/2000 u/jew l-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 2419/2001 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li Stat membru jista' jnaqqas jew jeskludi d-dritt għall-premju għall-qatla permezz ta' sanzjoni nazzjonali sabex jiżgura l-osservanza tal-leġiżlazzjoni komunitarja.

76. Jeħtieġ l-ewwel nett li tiġi enfasizzata l-importanza li għandhom is-sanzjonijiet meta jiġu applikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti fil-każ li l-bidwi jiskadilu t-terminu tan-notifika previst fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1760/2000. Fil-fatt, dawn huma sanzjonijiet li jinċentivaw lill-bidwi biex josserva t-terminu ffissat fuq livell nazzjonali. F'dan ir-rigward jeħtieġ li ma tiġix issottovalutata l-importanza ta' l-osservanza ta' dan it-terminu sabiex tiżgura "it-traċċabbiltà effiċjenti fi żmien reali" [32] tal-bhejjem ta' l-ifrat. Din it-traċċabbiltà hija essenzjali għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, u dan iktar u iktar wara l-kriżi ta' l-enċefalopatija sponġiformi tal-bhejjem ta' l-ifrat. Taħt din il-perspettiva, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet fuq livell nazzjonali hija indispensabbli sabiex jintlaħqu l-obbjettivi stabbiliti mir-

31 — Ara fl-istess sens, l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-gvern Olandiż, punti 23 u 24. Barra minn hekk, l-Artikoli 68 u 69 tar-Regolament Nru 796/2004, meta jirreferu għat-"tnaqqis u esklużjonijiet ikkontemplati fil-kapitolu I", jikkonfermaw li l-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet ma jikkonċernawx ħlief il-"konstatazzjonijiet relattivi għall-kriterji ta' eliġibbiltà" (titolu tal-kapitolu I tat-Titolu IV).

32 — Ara r-rapport speċjali Nru 6/2004 tal-Qorti ta' l-Awdituri fuq l-implementazzjoni tas-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' *l-ifrat* (SIEB) fl-Unjoni Ewropea, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni (ĠU 2005, C 29, p. 1, punt 53). Huwa interessanti wkoll li tiġi osservata l-importanza tal-perċentwali tan-notifiki tardivi taċ-ċaqliq fl-2001 (ittardjar ta' iktar minn sebat ijiem wara l-avveniment, ara l-punt 53, disinn 4); dawn qabżu saħansitra d-90 % fl-Italja f'dik is-sena.

Regolament Nru 1760/2000, jiġifieri li titjieb il-fiduċja tal-konsumatur fil-kwalità tal-laħam taċ-ċanga u l-prodotti mil-laħam taċ-ċanga, jiġi ppreżervat livell aktar għoli tas-saħħa pubblika u l-istabbiltà fit-tul tas-suq tal-laħam taċ-ċanga tissaħħaħ [33].

77. Jiena nippreċiża, barra minn hekk, li l-obbligu ta' l-Istati membri li joħolqu dawn is-sanzjonijiet jinsab espress fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-regolament, fejn jingħad li "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament." It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' l-istess Artikolu jinkwadra dan il-poter ta' l-Istati membri billi jippreċiża li "Kull sanzjoni imposta mill-Istati Membri fuq possessur għandha tkun proporzjonata mal-gravità tal-kontravvenzjoni".

78. In kwantu dan l-Artikolu 22(1) iħalli lill-Istati membri marġni ta' diskrezzjoni biex tiġi deċiża liema sanzjoni għandha tiġi applikata fil-każ ta' ttardjar fin-notifika, dment li din tkun proporzjonata mal-gravità tal-kontravvenzjoni li tkun twettqet, jiena jidhirli li l-istess Stati membri għandhom il-fakultà li jipprovdu għal sanzjonijiet konsistenti fi tnaqqis, jew saħansitra, f'każijiet partikolarment gravi, fl-esklużjoni mid-dritt għall-premju għall-qatla. Sabiex tiġi analizzata n-natura proporzjonata tas-sanzjonijiet li huma japplikaw, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu dejjem jirreferu għal kriterji bħalma huma r-ripetizzjoni jew id-dewmien jew il-kontravvenzjoni. Fil-każ li jiskadi t-terminu għan-notifika taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat, l-importanza ta' l-ittardjar jidhirli li hija l-kriterju prinċipali li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni.

79. Fl-aħħar nett, jiena ninnota li l-leġiżlatur komunitarju kkontempla wkoll tipi oħrajn ta' sanzjonijiet meta fl-aħħar fraži tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1760/2000 jipprovdi li dawn "Is-sanzjonijiet jistgħu jinvolvu, meta ġġustifikati, ir-restrizzjoni fuq il-moviment tal-bhejjem lejn jew mill-impriża tal-gwardjan interessat" [34]. Il-possibbiltà ta' tipi oħrajn ta' sanzjonijiet madankollu mhijiex tali li tippreġudika l-fakultà li għandhom l-Istati membri, sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1760/2000, li jipprevedu sanzjonijiet pekunjarji konsistenti fit-tnaqqis, jiġifieri l-esklużjoni mid-dritt għall-premju għall-qatla.

33 — Ara l-premessi numru erbgħa sa sebgħa tar-Regolament Nru 1760/2000.

34 — Fir-rigward ta' dawn l-aħħar tip ta' sanzjonijiet, ara wkoll l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/98, tas-27 ta' Frar 1998, li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 820/97 dwar l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi minimi fil-kuntest tas-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bhejjem ta' l-ifrat (ĠU L 60, p. 78). Ir-raba' premessa ta' dan ir-regolament tindika li "huwa meħtieġ li jiġu imposti ċerti sanzjonijiet konċernanti ċerti sitwazzjonijiet fejn id-dispożizzjonijiet tar-[Regolament Nru 1760/2000] ma jiġux osservati; li dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu n-non osservanza tar-rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni kollha jew ftit minnhom, il-pagament ta' l-ispejjeż u n-notifika".

80. Mill-analiżi preċedenti jirriżulta li, filfehma tiegħi, l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1760/2000 għandu jiġi interpretat fissens li Stat membru jista' jnaqqas jew jeskludi d-dritt għall-premju għall-qatla permezz ta' sanzjoni nazzjonali, sabiex jiżgura lkonformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan irregolament, bħalma huma dawk li jinsabu fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) ta' l-istess Regolament, dejjem jekk is-sanzjoni applikata tkun proporzjonata mal-gravità talkontravvenzjoni.

D — *Fuq is-sitt domanda*

81. B'din id-domanda, il-Qorti tar-rinviju, fis-sustanza tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi jekk l-eċċezzjonijiet għattnaqqis u għall-esklużjonijiet komunitarji li huma previsti fl-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 għandhomx japplikaw b'analoġija għat-tnaqqis u għall-esklużjonijiet nazzjonali maħsubin biex jissanzjonaw innotifika tardiva tal-moviment tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat.

82. Waqt l-eżami tat-tielet domanda, jiena pprononejt lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi lil-Qorti tar-rinviju li l-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 ma japplikawx għall-irregolarità fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000, bħalma hija n-notifika tardiva tal-moviment tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat. Dawn l-artikoli mhumiex maħsubin biex ikunu applikabbli fil-każijiet ta' tnaqqis u esklużjonijiet nazzjonali maħsubin biex jissanzjonaw din it-tip ta' irregolarità. Barra minn hekk, il-formulazzjoni ta' l-Artikolu 44 (1) tar-Regolament Nru 2419/2001 tikkontempla espressament it-tnaqqis u l-esklużjonijiet previsti mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ta' dan l-istess regolament.

83. Minn dan jirriżulta li l-eċċezzjonijiet għat-tnaqqis u għall-esklużjonijiet komunitarji li huma previsti fl-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 ma jistgħux jiġu applikati għat-tnaqqis u għall-esklużjonijiet nazzjonali maħsubin li jissanzjonaw in-notifika tardiva tal-moviment tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat.

84. Fid-dawl tar-risposta li jien nipproponi b'hekk lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' din is-sitt domanda, mhuwiex meħtieġ li jiġu analizzati s-seba' u tmien domandi.

V — Konklużjoni

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi bil-mod kif ġej għad-domandi preliminari magħmulin mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven:

"1. L-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella għandu jiġi interpretat fis-sens li l-osservanza tat-terminu għan-notifika tal-moviment tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' data kompjuterizzat, li huwa previst fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Lulju 2000, li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97, ma jikkostiwixxix prekundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-premju għall-qatla. Minn dawn id-dispożizzjonijiet m'għandux jiġi dedott għalhekk li n-notifika tardiva taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' data kompjuterizzat iġġib, minnha nnifisha u b'mod awtomatiku, l-esklużjoni mid-dritt għall-premju għall-qatla għal dawn l-annimali.

2. L-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 tal-11 ta' Diċembru ta' l-2001, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3508/92, ma japplikawx għall-irregolarità fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1760/2000, bħalma hija n-notifika tardiva taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat.

3) L-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1760/2000 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat membru jista' jnaqqas jew jeskludi d-dritt għall-premju għall-qatla permezz

ta' sanzjoni nazzjonali, sabiex jiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, bħalma huma dawk li jinsabu fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) ta' l-imsemmi regolament dejjem jekk is-sanzjoni applikata tkun proporzjonata mal-gravità tal-kontravvenzjoni.

4) L-eċċezzjonijiet għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet komunitarji li huma previsti fl-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament Nru 2419/2001 ma jistgħux jiġu applikati għat-tnaqqis u għall-esklużjonijiet nazzjonali maħsubin sabiex jissanzjonaw in-notifika tardiva taċ-ċaqliq tal-bhejjem ta' l-ifrat fil-bażi ta' *data* kompjuterizzat."